Verżjoni Elettronika

A.L. 220 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 5) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 59.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta' Mejju 2021:

Iżda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, li qiegħed jiġi emendat bis-saħħa ta' dan l-ordni, għandu jitqies li baqgħa fis-seħħ, inkluż wara l-24 ta' Mejju 2021, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dak l-ordni. L.S. 465. 59.

2. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna l-għeluq kollu tas-swali taċ-ċinema, teatri, gymnasiums, esebizzjonijiet, *spas,* fieri, każinòs, swali tat-tombla u kull pixxina mhux residenzjali, kemm ta' ġewwa u ta' barra u inkluż il-pixxina nazzjonali:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna l-għeluq kollu tas-swali taċ-ċinema, teatri, esebizzjonijiet, fieri, każinòs u swali tat-tombla:"; u

(b) minnufih wara t-tieni proviso tiegħu għandhom jiżdiedu l-provisos il-ġodda li ġejjin:

Verżjoni Elettronika

"Iżda ukoll kull pixxina mhux residenzjali, kemm ta' ġewwa u ta' barra jistgħu jiftħu ghall-pubbliku generali biss mill-ħinijiet ta' bejn it-tmienja (8) ta' filgħodu u t-tmienja (8) ta' filgħaxija, u l-ebda avveniment organizzat ta' diveriment ma jista' jinżamm f'dawn il-pixxini:

Iżda ukoll ebda klassijiet tal-*fitness* ma jistgħu jinżammu fil-*gymnasiums* u ċentri oħra ta' *fitness*:".